**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**

16 Il-Mall, Floriana FRN 1472.  Numru tat-Telefown: 2590 6306/9

# Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti bejn l-iskejjel ta' St Francis 2021-2022

1. **STUDENTI TAT-TIENI SENA KINDERGARTEN**

1.1 Wara t-tieni sena kindergarten, l-istudenti tal-kindergartens ta' St Francis Birkirkara, Msida, San Ġwann u Santa Luċija jmorru fil-primarji ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida.

1.2 Dan għandu jsir b'applikazzjoni **onlajn, agħfas hawn,** mit-Tnejn, 26 t' Ottubru sal- Ħadd, 1 ta' Novembru, 2020.  Wara li ssir l-applikazzjoni il-ġenituri jirċievu imejl bin-numru tal-applikazzjoni u d-dettalji sottomessi, u imejl oħra b'konferma tal-applikazzjoni sat-30 ta' Novembru 2020. F'każ li dan ma jseħħx mitlub tikkomunika mal-Bord fuq id-dettalji t'hawn taħt.

1.3 Fil-mili tal-applikazzjoni l-ġenituri għandhom iniżlu l-preferenza tal-iskola primarja ta' St Francis li fiha jixtiequ li jmorru t-tfal tagħhom.

1.4 Dawk li japplikaw bil-kriterju tal-impjegati u tal-aħwa huma mitluba li jagħtu l-informazzjoni dwar dan il-kriterju.  Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola.

1.5 Hemm ħlas ta € 3 għal kull applikazzjoni sabiex jiġu koperti l' ispejjeż amministrattivi. Hemm bżonn ta' VISA card sabiex ikun jista jsir il-pagament onlajn.

1.6 Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn jista' jċempel fuq 2590 6306/9 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7:30 a.m u t-3:30 p.m jew l-iskola li fiha j/tattendi l-istudent/a.

2. In-numru ta' postijiet fl-Ewwel Sena Primarja fl-iskejjel ta' St Francis huwa:

| Skola | Lokalita | Numru tat-telefown | Subien | Bniet |
|---|---|---|---|---|
| St. Francis | Birkirkara | 21442205 | 28 | 20 |
| St. Francis | Bormla | 21665410 | 40 | 32 |
| St. Francis | Msida | 21335513 | 28 | 20 |
| **Total Subien u Bniet** | | | **96** | **72** |

2.1 Jekk ikun hemm bżonn jista' ivarja n-numru ta' subien jew bniet iżda mhux it-total għad-dħul f'kull skola.

3.0 **GĦAŻLA TA' SKOLA**

Jekk kulħadd ikun jista' jinkiteb fl-iskola li l-aktar li jippreferi, allura l-proċess ta' transfer jieqaf hawn.  Jekk le jintużaw dawn il-kriterji:

L-ewwel jieħdu posthom dawk li qegħdin fl-istess skola, jiġifieri dawk ta' B'Kara jieħdu posthom f' B'Kara, u dawk tal-Imsida jieħdu posthom l-Imsida.

It-tieni jieħdu posthom it-tfal tal-impjegati full-time fl-istess skola.  Eżempju: impjegat/a B'Kara, it-tfal jieħdu posthom B'Kara; impjegat/a Bormla, it-tfal jieħdu posthom Bormla; impjegat/a l-iMsida, it-tfal jieħdu posthom l-iMsida.

It-tielet jieħdu posthom it-tfal tal-impjegati full-time fi skola oħra ta' St Francis.  Eżempju: impjegat/a B'Kara, j/tapplika għal-iMsida; impjegat/a tas-Sliema, j/tapplika għal B'Kara.

Ir-raba' jieħdu posthom it-tfal li ħuthom se jkunu għadhom jattendu l-istess skola. Dan ma japplikax meta ħuthom ikunu fis-sitt sena għax fis-sena ta' wara l-aħwa l-kbar mhux ser

ikunu f'dik l-iskola. Eżempju: dawk li ħuthom jattendu B'Kara jieħdu posthom f'B'Kara, u dawk li ħuthom jattendu l-Imsida jieħdu posthom l-Imsida.

Il-ħames jieħdu posthom it-tfal li ħuthom se jkunu jattendu xi skola ta' St Francis.

Is-sitta jieħdu posthom il-bqija tal-istudenti li qegħdin it-tieni sena kindergarten.

3.1 Jekk f'xi wieħed minn dawn il-gruppi ma jkunx hemm post għal kulħadd, tittella' polza għal dak il-grupp. Issir polza għall-bniet u oħra għas-subien sabiex jinżamm in-numru bejn il-bniet u s-subien f'kull klassi. F'każ ta' bżonn isiru poloz għal gruppi li jkun imiss. F'dan il-każ il-polza u l-għażla ta' skola jsiru onlajn f'data li titħabbar aktar il-quddiem.

3.2 Jekk il-quddiem jinħoloq post vojt f'xi skola primarja li fiha kien hemm min xtaq imur imma ma setax għax kienet imtliet, dan jingħata l-opportunità skont ir-riżultat tal-polza.

3.3 Il-proċedura kif spjegata f'para. 3.0 u 3.1. tgħodd ukoll għal tfal li għandhom bżonn LSE.

4. Aktar il-quddiem, il-Bord tad-Dħul jinfurmakom f'liema skola ġew irreġistrati t-tfal tagħkom.

5. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

6. F'każ ta' bżonn tistgħu ċċemplu fuq 2590 6306/9 jew tibgħatu imejl fuq cynthia.cassar@maltadiocese.org